

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 428/2013

tat-8 ta' Mejju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 929/2010

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 tal-4 ta' Lulju 2006 jistipula r-rekwiżiti dwar il-proċeduri ta' pjanijiet għal titjiriet fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-ajru uniku Ewropew ⁽²⁾ jirreferi għal diversi dispożizzjonijiet li japplikaw għall-preżentazzjoni, l-aċċettazzjoni u t-tqassim tal-pjanijiet tat-titjira, kif ukoll għal bidliet lil punti ewlenin fi pjan tat-titjira fil-fażi ta' qabel it-titjira, li huma stipulati mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn issa 'l quddiem ICAO). Minn żmien l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1033/2006 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 929/2010 tat-18 ta' Ottubru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1) ⁽³⁾ dawk id-dispożizzjonijiet ġew emendati mill-ICAO.
- (2) Ir-referenzi fir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 għandhom jiġu aġġornati sabiex jilhqnu l-obbligi ġuridiċi internazzjonali tal-Istati Membri u jiżguraw koerenza mal-qafas regolatorju internazzjonali.
- (3) Dispożizzjonijiet finali tal-ICAO dwar il-pjantat-titjira tal-2012 ġew approvati u kellhom jiġu applikati mill-15 ta' Novembru 2012. Bħal riżultat, ir-Regolament għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2012. Billi l-pubblikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ICAO imsemmija okkorrew biss fit-30 ta' Diċembru 2012, ma setgħux jiġu rreferenzjati fil-ħin qabel il-15 ta' Novembru 2012. Ir-regolament għandu għalhekk japplika retroattivament.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1033/2006 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1)

1. Kapitolu 3, Taqsima 3.3 (Pjanijiet tat-titjira) tal-ICAO Anness 2 — Regoli tal-Ajru (l-10 edizzjoni ta' Lulju 2005 li tinkludi l-emendi kollha li saru sa Nru 42).
2. Kapitolu 4, Taqsima 4.4 (Pjanijiet tat-titjira) u Kapitolu 11, Paragrafu 11.4.2.2 (Messaġġi dwar movimenti) tal-ICAO PANS-ATM Dok. 4444 (il-15-il edizzjoni tal-2007 li tinkludi l-emendi kollha li saru sa Nru 4).
3. Kapitolu 2 (Pjanijiet tat-titjira) u Kapitolu 6, Paragrafu 6.12.3 (Estimi tal-konfini) tal-Proċeduri Supplementari Reġjonali, Dok. 7030, Proċeduri Supplementari Reġjonali Ewropej (EUR) (il-5 edizzjoni tal-2008 li tinkludi l-emendi kollha sa Nru 7)."

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 929/2010 huwa mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.⁽²⁾ ĠU L 186, 7.7.2006, p. 46.⁽³⁾ ĠU L 273, 19.10.2010, p. 4.